MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 24

24 ta' Marzu 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nicole Portelli - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.32pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin, bl-eċċezzjoni tas-Sinjorina Nicole Portelli li kienet tinsab ma tiflaħx u s-Sur Martin Musumeci li kien għadu ma wasalx.

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

24.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-ittra t'apoloġija tas-Sinjorina Nicole Portelli.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 22 u 23 ġew approvati wara li saret korrezzjoni fuq Minuti 23 paġna 8, fejn Dr. Cassar qal li għandu jiġi ċċarat li r-rata tal-OT differenti minn s-Sibt għal Ħadd.

## 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 *Jum Ħ'Attard*

Is-Sur Cordina rringrazzja lis-Sur Remigio Bartolo, lill-istaff, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Kap tal-iskola fejn saret is-serata, tal-preparazzjoni għas-serata ta' Jum Ħ'Attard li marret tajjeb ħafna. Saqsa jekk xi ħadd xtaq jgħaddi xi kummenti. Is-Sur Bonnici saqsa jekk kulħadd irċeviex l-invit. Is-Sur Cordina qal li dawk li tqassmu Ħ'Attard iva imma dawk li ntbagħtu bil-posta ma tantx kien hemm kontroll fuqhom.

24.3.2 *Uffiċini tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li kellhom laqgħa pożittiva ħafna mal-Bord tat-TORB u li qed jistennew risposta fi żmien 10 t'ijiem.

## 24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.4.1 Paul Ciantar

- Saqsa jekk hemmx data fuq l-Iffjurit biex ma jaħbatx mal-World Cup avolja skont Dr. Caruana il-logħbiet huma kollha bil-lejl. Is-Sur Cordina qal li se jiddiskuti mas-Sur Paul Chetcuti il-ġimgħa d-dieħla.

24.4.2 Dr. Helen Caruana

- Saqsiet jekk kienx hemm xi ħjiel fuq x'se jsir wara li saret il-laqgħa mar-residenti fuq l-istorbju. Is-Sur Cordina qal li kien reġa' iltaqa' ma' xi Sindki u iddeċidew li ssir Konferenza Stampa is-Sibt, 9 ta' Mejju fl-10 ta' filgħodu. Din se ssir Ħ'Attard u se tkun indirizzata kemm lill-Gvern u Oppożizzjoni flimkien ma' ittra lill-MEP's taż-żewġ naħat. Dr. Musumeci qal indirizzaw lill-awtoritajiet filwaqt li Dr. Cassar irrimarka

li hemm bżonn bdil fil-liġi lokali. Fil-fatt kien qed jgħin fil-każ Dr. Angelo Micallef, Sindku ta' Ħal Balzan. L-Avukat ta' qabel Dr. Claire Bonello kienet anki talbet xi nformazzjoni lill-Awtorita' tal-Artijiet imma ma tawhiex ħabba l-protezzjoni tad-data. Sabet ħafna bibien magħluqa speċjalment meta talbet informazzjoni fuq ċerti siti.

Dr. Caruana saqsiet x'kien l-andament tal-laqgħa. Is-Sur Cordina qal li kien hemm mat-30 ruħ u wħud minnhom kienu minn barra l-lokalità mir-Rabat, Furjana mill-Belt u kif qal Dr. Musumeci kienu nies li jafu x'qed jgħidu. Is-Sur Cordina qal li kienet laqgħa kordjali ferm. Dr. Musumeci qal ukoll li xi ħaġa li mhux ġust hi, u talabhom jaraw il-gazzetti lokali, li stabbiliment li kien ilu jopera snin bla permessi/liċenzji inħarġulu l-permessi kollha.

24.4.3 Dr. Cassar

- Saqsa għala l-Belisha Beacons fi Triq Victor Vassallo għadhom ma sarux. Is-Sur Cordina spjegalu li hemm ċertu garanziji u għalhekk jekk tinfetaħ it-triq biex isiru dawn it-trinek jintilfu. Qegħdin jiddiskutu.
- Saqsa fuq Triq il-Linja li ilha żmien magħluqa u għad fadal xi xogħolijiet, biex ma jħallux il-ħajt ta' Masġar Pierre Muscat fi stat dilapitat.
- Semma li fi Triq il-Linja ma' Triq Victor Vassallo hemm biċċa maqrut biex timtela' bil-ħamrija. Is-Sur Cordina wera l-pjanta lill-kunsilliera u qalilhom li din għandha ssir bil-paving blocks:



- Qal li l-*workshop* Doqqu Doqqu mar tajjeb ħafna u ntużaw il-kotba kollha li kienu nxtraw. Kien hemm 10 parteċipanti b'kollox. Qal li fit-23 ta' April li taħbat *World Book Day* se ssir attività fi Ġnien l-iStazzjon fis-7pm. Dr. Musumeci qal li din hi attività fejn se jsir qari ta' siltiet mill-kotba ppubblikati ta' Dr. Kurt Borg u Omar N'Shea u l-qari se jsir minnhom infushom.
  Dr. Cassar qal li l-kotba li ingħataw bħalha donazzjoni lill-Kunsill, se jinħarġu fuq mejda biex min ikun irid jieħu jkun jista' u jagħti donazzjoni. Dan biex ikun hemm spazju għal oħrajn ġodda.

  Is-Sur Bartolo saqsa fuq il-kors tal-AI li se jsir fiċ-Ċentru għall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni fi Ġnien l-iStazzjon. Is-Segretarju qalet li fl-aħħar irnexxielha taqbad ma' Fr. Gove u dan se jsir nhar il-Ħamis, 30 ta' April fis-6pm ta' filgħaxija.

## 24.5 Rapporti

### 24.5.1 *Approvazzjoni ta' Rapport tar-Raba Kwart tas-Sena 2025*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport hu *copy and paste* tal-estimi finanzjarji, biss xi ftit iktar fid-dettal. Dan ir-rapport ġie approvat.

### 24.5.2 *Approvazzjoni ta' Baġit Rivedut 2026*

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll għall-approvazzjoni il-Baġit rivedut appuntu biex jirrifletti ċ-ċifri attwali tal-istess estimi finanzjarji.

Hi qalet li l-baġit annwali għall-2026 ġie aġġornat mill-verżjoni ppreżentata f'Diċembru 2025 biex jikkorrispondi mal-ispejjeż reali tal-2025 skont l-Estimi Finanzjarji 2025 mhux awditjati.

Il-baġit issa qed juri profitt ta' EUR 8.7k, titjib ta' EUR 33k fuq is-sena 2025, riżultat mill-fatturi li ġejjin:

1. żieda fid-dħul ta' madwar EUR 30k meta mqabbel ma' l-2025 (din ġejja minn żieda ta' EUR 45k fl-allokazzjoni tal-Gvern għall-2026 li ġiet parzjalment offset mat- tnaqqis ta' EUR 20k f'rifużjonijiet għall-pagi tal-ħaddiema li kienu spiża ta' darba fl-2025);

2. tnaqqis fl-ispejjeż operattivi u amministrattivi (inklużi s-salarji) ta' EUR 16k — minħabba:

   i) l-ispiża tal-perizja fuq xogħol relatat ma' Triq Victor Vassallo li jammonta għal EUR 8k, *furnishings* and *small equipment* għall-uffiċċju l-ġdid tal-LC ta' madwar EUR 4k u kera ta' EUR 8.7k imħallsa

fl-2025 għall-uffiċini preċedenti fi Triq Sant' Anna li mhux sa jissussegwu fl-2026;

ii) tnaqqis ta' madwar EUR 6k fl-ispejjeż tal-tindif u manutenzjoni tat-toroq (parti mill-miżuri ta' tnaqqis ta' spejjeż);

iii) *offset* minn żieda fil-ispejjeż tal-pagi minħabba l-iskali l-ġodda tal-2026 (inkluż *performance* bonus) ta' madwar EUR 11k meta mqabbla ma' 2025.

3. Żieda fl-imgħax u d-deprezzament ta' EUR 13k kif ġej:

i) żieda fl-imgħax u d-deprezzament fuq il-kera tal-uffiċċji l-ġodda tal-Kunsill ta' madwar EUR 17k — peress li l-istandards tal-kontabilita' kurrenti jirrikjedu li jiġu rikonoxxuti assi b'obbligu meta jibda l-użu sħiħ tal-kirja (meta l-uffiċini jibdew jintużaw bħala uffiċċju tal-Kunsill Lokali), dan ħa jfisser li parti mill-kera ħa tidher bħala deprezzament fuq l-assi (drittijiet ta' użu tal-proprjetà) u imgħax akkumulat fuq l-obbligu (impenn għall-kera għal 20 sena skont il-kuntratt);

ii) żieda ta' madwar EUR 5k fid-deprezzament fuq l-uffiċini l-ġodda tal-LC u l-ispejjeż tal-Kamra tal-Kompjuter ladarba dawn il-proġetti jiġu kapitalizzati; u

iii) tnaqqis ta' EUR 8.6k fl-imgħax fuq l-ammont dovut lill-kuntrattur tal-art li saret fi Ġnien l-Istazzjon meta mqabbel ma' 2025.

L-FSI huwa pjanat li jonqos minn 121% fl-2025 għal 70% fl-2026. Dan se jkun dovut għal tnaqqis fid-dħul differit (*defered income, current liability*) b'EUR 225k ladarba l-uffiċini l-ġodda tal-Kunsill u l-kamra tal-kompjuter jiġu kapitalizzati.

Fl-2026, l-ispejjeż se jkomplu jiġu mmonitorjati sabiex jiġi deċiż liema minnhom għandhom jiffaċċjaw pagament b'mod priojotarizzat u sakemm l-ammont pendenti li għad fadal jingħata lill-kuntrattur ta' Ġnien l-Istazzjon jitħallas sal-1 ta' Ottubru 2026.

Dan ir-rapport ġie unanimament maqbul u approvat.

## 24.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 24.6.1 *Fondi Kultura Reġjun Tramuntana*

Is-Sur Cordina qal li rnexxielu jġib xi fondi mir-Reġjun Tramuntana li jammontaw għal-€20,000 li €5,000 minnhom se jmorru għall-ġemellaġġ, €7,000 jew €8,000 imorru għall-Iffjurit u għalhekk qed jipproponi li dawn jitnaqqsu minn hemm.

Dr. Cassar saqsa jekk il-quddiem jistgħux jiġu approvati fondi għall-affarijiet oħra. Is-Sur Cordina qal li iva u dak hu l-iskop li r-Reġjun ikollu idea kif se jintefqu.

Dr. Musumeci saqsa xi spejjeż ikun hemm marbuta mal-Iffjurit. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li normalment ikun hemm il-palk, min jieħu sehem bħalha *entertainment,* id-dwal, il-media, il-LESA *officers.* Dr. Musumeci irrimarka li għandu ħbieb jiġu b'xejn. Dr. Cassar qal li xi *stands* jinkrew però u dawk itellgħu il-prezz. Is-Sur Bonnici saqsa jekk jistgħux jiġu utilizzati fondi għall-Jum Ħ'Attard. Is-Sur Cordina qal li dawn huma l-fondi għal din is-sena u li jekk jifdal jitħallew iva għas-sena d-dieħla. Dr. Cassar qal jixtieq kieku jkunu jistgħu isiru mqar żewġ attivitajiet oħra bil-fondi, jekk ikunu ħarġu l-fondi tal-Milied.

24.6.2 *Ġemellaġġ*

Is-Sur Cordina qal li se jħalli f'idejn is-Sur Bartolo imma qabel xtaq jgħid li peress dan il-ġemellaġġ għandu skop kulturali u edukattiv se jittellgħu xi membri li jifformaw parti mill-banda lokal, kif ukoll mill-Attard Football Club. Bil-fondi li hemm jifdal biss post għall-membru wieħed ieħor mill-Kunsill.

Is-Sur Bartolo qal li qabel kien hemm maħsub li jitilgħu iktar nies imma it-titjiriet għollew immens u bħalissa qegħdin €225. Bħalha ġemellaġġ dan huwa kulturali, għaldaqstant iridu jiltaqgħu nies ma nies. Il-lukanda waħda hemm bi €80 il-lejl. Hu qal li barra is-Sur Cordina, is-Segretarju Eżekuttiv u hu jekk dejjem jaqblu li jitla' hu fadal post għall-persuna waħda biss, dejjem skont il-fondi. Is-Sur Mangion issuġġerixxa polza minħabba li kien interessat u qatt ma tela'. Il-ġranet huma bejn 10-13 ta' Lulju 2026. Dr. Musumeci ippropona li jitla' l-Viċi Sindku għax per protokoll hekk imorru l-affarijiet. Dr. Caruana qalet li taqbel, imma aħjar polza u saqsiet kif qed jitqassmu l-fondi:

€225x7 membri €1575 Titjiriet
€240x7 membri €1680 Akkomodazzjoni
€690x3 per diem Italia €2070 li minnhom kulħadd iħallas il-lukanda
€54x4 vannijiet lejn l-ajruport u lura.

Dawk jiġi iktar minn €5000. Is-Sur Cordina qal li sar ftehim/konċessjoni ta' €5000. Is-Sur Cordina qal li fondi mir-Reġjun qatt ma ntużaw għall-ġemellaġġ. Is-Sur Bartolo qal li la s-Sindku u lanqas is-Segretarju Eżekuttiv ma jistgħu iċedu posthom. Dr. Caruana qalet li jekk tiddeċiedi li titla' se titla' għall-rasha u tħallas hi.

Il-Kunsill qabel li wara l-laqgħa ssir polza u jitla' membru ieħor biss.

## 24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

24.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet iċċekkjat minn Dr. Caruana. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mal-approvazzjoni hemm iċ-ċedola tal-*petty cash* 2025. Dr. Caruana saqsiet jekk il-pagamenti fiċ-ċedola jkunux kollha imħallsin. Hi rrimarkat li fiċ-ċedola jkun hemm pagamenti li jridu jitħallsu u oħrajn li diġà saru.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Alex Mangion        Sekondant: Sur Paul Ciantar

L-iskedi ġew approvati.

## 24.8 Mozzjonijiet; u

24.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 24.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.32pm u ġiet aġġornata għal-21 ta' April 2026 fil-5.30pm

Konfermati illum, 21 ta' April 2026.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv